MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 19/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Yvonne Farrugia)**
**Vs**
**Francis Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :-

1. f'Lulju, 2008 u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' George Portelli;

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghad-detriment ta’ George Portelli, ghamel qliegh b’qerq ta’ aktar minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37);
3. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta’ aktar minn elfejn, tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta’ George Portelli, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
4. u b’hekk Francis Caruana sar recidiv ai termini ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenza moghtija minn diversi Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Jannar, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 308, 309, 310, 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-appellat hati w ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w ordnat lill-appellat ihallas is-somma ta’ disat elef, tlett mija w sbatax il-Ewro w disgha w erbghin centezmu (€ 9317.49) lil George Portelli fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-appellat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fis-27 ta’ Jannar, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn Francis Caruana gie misjub hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontrih, filwaqt illi thassar is-sentenza moghtija fil-konfront ta’ Francis Caruana limitatament f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta fuqu w cioe’ fejn ikkundannatu ghal perjodu ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta w fejn ghamlet ordni ta’ hlas ai termini ta’ l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, w minflok teroga kontra tieghu l-piena idoneja skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :- li L-ewwel Qorti erogat piena in konsegwenza ghal applikazzjoni u/jew interpretazzjoni skorretta ta' l-ipotesi tal-ligi kif ukoll il-piena ma kienetx fix-xorta jew kwantita' taghha dik kontemplata fil-ligi ghar-reati li fuqhom l-imputat gie kundannat. L-appellat kien ammetta mhux biss l-akkuzi ta' truffa, frodi innominata w appropriazzjoni indebita, izda wkoll l-addebitu tar-recidiva ai termini tal-art. 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk il-Qorti ma setghetx taghti sentenza sospiza skond l-artikolu 28A(7) tal-Kap.9.

Li kien minnu li fis-sentenza citata mill-Ewwel Qorti : **"Il-Pulizija vs. Philip-Mario Chircop"** [17.11.2006] din il-Qorti, diversament preseduta, kienet iddecidiet f' dak il-kaz kienet qed tqis li r-recidiva kienet temana mill-artikolu 49 u mhux ukoll mill-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali w ghalhekk setghet tigi imposta sentenza ta' prigunerija sospiza, izda r-raguni ghal dan ma kienetx bazata fuq il-fatt li l-imputat f' dik il-kawza kien recidiv b' sentenzi li mponew fuqu multi, kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza hawn appellata, izda biss ghax mill-fedina penali ta' Chircop ma kienx jirrizulta li l-imputat kellu kundanni ta' prigunerija ta' izjed minn hames snin u l-itwal piena ta' prigunerija kienet ta' tlett snin. F' dak il-kaz din il-Qorti kienet sabet li l-pieni kollha inflitti fuq l-appellant kienu gew skontati aktar minn hames snin qabel id-data tad-delitt mertu ta' dak il-process. Kien ghalhekk li l-artikolu 50 ma kienx applikabbli fil-kaz ta' Chircop. Pero' dik il-Qorti fl-ebda mument ma eskludiet l-applikabilita' ta' l-artikolu 50 ghall-fatt li l-imputat setgha kien recidiv biss b' kundanni ghall-pieni pekunjarji fil-forma ta' multa.

F' dan il-kaz l-appellat kien instab hati u kundannat ghall-pieni pekunjarji ta' multa fit-2 ta' Lulju, 2008, Fid-19 t' April, 2007, fil-25 ta' Settembru, 2007 u fis-16 ta' Frar, 2005. Il-

multa datata 16 ta' Frar, 2005, giet indikata bhala imhallsa fit-23 t' Ottubru, 2006. L-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jikkonsidra t-terminu relattiv u rilevanti ghall-fini tar-recidiva meta persuna tigi kundannata ghal delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin jew, fi zmien hames snin, **fil-kazijiet l-ohra kollha**.

Dan l-artikolu ma jiddistingwix bejn pieni karcerarji w pieni pekunjarji w "*ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus."* Ghalhekk l-appellat kellu jigi misjub hati tar-recidiva mhux biss fit-termnini tal-artikolu 49 imma anki taht l-artikolu 50.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Generali ghandu ragun u l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma jiddistingwix bejn kundanni ghall-pieni pekunjarji w pieni restrittivi ghall-liberta' w kull ma tghid is-sentenza **"Il-Pulizija vs. Philip-Mario Chircop"** [17.11.2006] li ghaliha ghamlet referenza l-Ewwel Qorti, hu li ma kienux jirrizultaw pieni ta' prigunerija fil-fedina penali ta' Chircop li gew skontati jew mahfura entro t-termini ta' hames snin mill-kommissjoni tar-reati lilu addebitati f' dik il-kawza.

Konsegwentement, kif korrettement jissottometti l-Avukat Generali, l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni tal-ligi skorretta w dan wassalha biex tiddeciedi li f' dan il-kaz setghet tapplika l-provvediment tal-artikolu 28A, meta fil-fatt dan ma kienx legalment possibbli li jsir.

Illi l-artikolu 28A (7) (b) jiddisponi li :-

“Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu MA GHANDUX ISIR (emfasi ta’ din il-Qorti) f’ xi wiehed mill-kazijiet li gejjin :-

(b) meta l-ikkundannat ikun recidiv fit-termini tal-artikolu 50”

Illi ma hemmx kwistjoni li f’dan il-kaz l-appellat kien gie akkuzat ukoll bir-recidiva kemm taht l-artikolu 49 kif ukoll taht l-artikolu 50, w ammetta l-akkuzi kollha bla rizerva.

Illi ghalhekk l-Ewwel Qorti jidher li kienet prekluza milli taghti sentenza ta’ prigunerija sospiza f’dan il-kaz u kienet marbuta li tinfliggi l-piena applikabbli ghar-reati li l-appellat kien ammetta l-htija taghhom w li kien instab hati taghhom u kwindi l-appell tal-Avukat Generali jidher gustifikat skond il-ligi.

Illi pero', stranament, ghalkemm mhux possibbli li tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza fil-kaz ta' recidiva, l-Qrati mhumiex prekluzi li jirrikorru ghal xi provvediment taht il-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta f' dawn il-kazijiet.

Ili-Qorti ezaminat is-sentenza appellata w rat li l-motivazzjoni taghha biex applikat il-provvediment tas-sentenza sospiza kien dak li l-appellat ikun jista' jigi ordnat ihallas lura l-ammont truffat jew mizapproprijat lill-vittma George Portelli w li l-interess ewlieni fil-kawza kien proprju li l-appellat ihallas dawn il-flus lil Portelli. Izda dan il-ghan jista' ukoll jintlahaq bl-applikazzjoni tal-provvedimenti taht l-artikoli 7 jew 22 u l-artikolu 24 tal-Kap. 446 f' dan il-kaz.

Mill-ezami tal-fedina penali aggornata tal-appellat, ghalkemm hi wahda pjuttost twila, principalment tikkontjeni kundanni ghal reati tat-traffiku w sewqan u reati ta' natura amministrattiva w fiskali, oltre xi kontravvenzjonijiet w ma turix tendenzi kriminali. Ghalhekk f' dan il-kaz hu ferm opportun li din il-Qorti ghandha taddotta l-provvedimenti tal-Kap.446, anki fl-interess stess tal-vittma.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tal-ewwel tlitt imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w ammessi minnu, b' dan pero' li qed tiddikjara ukoll lill-appellat hati

tar-raba addebitu tar-recidiva kemm skond l-artikoli 49 kif ukoll 50 tal-Kap. 9, ukoll ammess minnu; w tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellat ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erbgha snin ai termini tal-art. 28A tal-Kap.9 u fejn ghamlet ordni ghall-hlas ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap.9 u, minnflok, tpoggi lill-appellat taht *probation* ghal zmien tlitt snin ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap.446 u, ai termini tal-artikolu 24 tal-istess Kap. 446, tordna lill-appellat li jhallas lil George Portelli s-somma ta' disghat elef, tlitt mija w sbatax il-Ewro u disgha w erbghin centezmu (Ewro 9317.49c) fi zmien sitt xhur mil-lum .

## ORDNI TA' PROBATION (MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)

**IL-QORTI**

Billi Francis Caruana hawnhekk izjed 'l quddiem imsejjah "il-hati", gie llum misjub hati

1) Ta' truffa ta' somma ta' aktar minn Ewro 2329.39
2) Frodi innominata kontra George Portelli;
3) Appropriazzjoni indebita kontra George Portelli u
4) ta' recidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap.9

**U billi l-Qorti jidrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-hati, illi huwa spedjenti li taghmel Ordni ta' Probation.**

U billi fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni (inkluza l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tlitt snin**, ikun jista' jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qeghda tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kundizzjonijiet ta' din il-Qorti.

Ghalhekk tordna li Francis Caruana residenti Maruska, Triq l-Istamnar, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 647554 M, bin Anthony u Catherine nee' Agius ikun ghal perjodu ta' **tlitt snin**, mid-data ta' din l-Ordni, taht is-sorveljanza tad-**Direttur tas-Servizzi tal-Probation**, u tordna wkoll li l-hati, ghall-perjodu fuq

imsemmi, ghandu jhares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. li huwa ghandu jgib ruhu tajjeb u jghaddi hajja ta' bzulija;
2. li huwa ghandu jgharraf minnufih lill-ufficjal tal-Probation b'kull tibdil tar-residenza jew xoghol tieghu;
3. li huwa ghandu jzomm ruhu f'kuntatt mal-Ufficjal tal-Probation, skond id-direttivi li jinghataw, minn zmien ghall-iehor, mill-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjara tal-istess Ufficjal tal-Probation fid-dar tieghu;
4. li ma jikkommetti ebda reat iehor tul il-periodu ta' tlitt snin ta' din l-ordni.
5. Li fi zmien sitt (6) xhur li jibdew jiddekorru mil-lum ihallas lil George Portelli is-somma ta' disghat elef , tlitt mija u sbatax il-Euro u disgha w erbghin centezmu (E9317.49c) a tenur tal-art. 24 tal-Kap.446 bhala kumpens ghal telfien li hu inkorra bl-agir tal-probationee.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------